MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru 758/2007

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Maria Borg bint Raymond u Dolores nee' Micallef mwielda Pieta fis-27 ta' Mejju 1985 u residenti Flat 4, Borges, Triq il-Ferrovija B'Kara, ID 286785M.**

**Akkuzata talli fid-29 ta' Mejju 2006 ffalsifikat jew mexxiet biljett tal-flus falsifikat li kienet taf li hu falsifikat u cioe karta ta' l-ghaxar liri Maltin (LM10) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45(1) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputata, liema ammissjoni kienet kkonfermata wara li nghatat zmien bizzejjed biex tahsibha.**

**Il-Qorti semghet lill-imputata tispjega li l-Lm10 kienet rcevietha bhala bqija minghand il-petrol station fejn kienet imliet il-karozza. Hija regghet marret ghand l-istess pompa u dan induna mill-ewwel li l-LM10 kienet falza izda nnega li kien tahielha hu.**

**L-imputata kienet tkun korretta li kieku haditha l-bank.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 45(1) tal-Kap 204 ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieha. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li**

**(a) l-imputata ammettiet mill-ewwel;**
**(b) tat spjegazzjoni ta' kif kienu sehhew l-affarijiet**
**(c) lil din il-persuna qatt ma kellha xi nuqqas fil-kondotta taghha**

**Il-qorti ghal hekk flok tikkundanna lill-imputata, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sitt xhur millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici. Tordna li din is-sentenza tintbghat ghand l-Avukat Generali**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------